


# Sensors mal-parkeġġi biex tkun taf jekk hemmx parkeġġ vojt



Hekk kif qed tkompli tkun miġġielda l-problema tat-traffiku u parkeġġ f'pajjiżna, żewġ lokalitajiet rebħu l-kompetizzjoni mnedija mill-Ministeru għat-Trasport u *Transport Malta* bl-isem ta' *Sustainable Urban Mobility Plans*.

Il-Ministru Joe Mizzi ħabbar li ż-żewġ lokalitajiet rebbieħa tal-*Mobility Actions Awards* ,huma Ħal Qormi u Għajnsielem, u li se jibdew ix-xogħol fuq il-proġetti rispettivi tagħhom fiż-żmien li ġej.

Il-proġett li se jkun qed jaħdem fuqu l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, li kklassifika fl-ewwel post f'din il-kompetizzjoni, huwa li jpoġġi *sensors* mal-parkeġġi permezz ta' *screens* diġitali li se jindikaw lis-sewwieqa jekk hemmx parkeġġi vojta.

Dawn is-sensors se jitwaħħlu f'numru ta' toroq fil-viċinanzi tal-Kunsill ta' Ħal Qormi u li se jkunu qed jiffaċilitaw il-ħajja tas-sewwieqa. Is-sindku Rosianne Cutajar, stqarret li dan il-proġett se jkun wieħed innovattiv u li se jiffranka l-ħin lis-sewwieqa. " Innutajna li l-ispazji ta' parkeġġ disponibbli mhux qed jiġu utilizzati bl-aħjar mod u għalhekk ħsibna biex naraw kif inkunu innovattivi u noħorġu bi proġett fattibbli iżda fuq kollox li jagħmel differenza kemm lill-ambjent, iżda b'mod speċjali lill-ħajja tar-residenti u dawk li jkunu qed iżuru l-lokalita'."

Lokali



CLAIRE AZZOPARDI
2 hours ago 0 Comments

**0 Comments** **One News** 1 Login

Recommend Share Sort by Best

Start the discussion…

Be the first to comment.

ALSO ON **ONE NEWS**

**"BIL-LABOUR TISTĦI LI INT MALTI" – Jason Azzopardi**

12 comments • 5 days ago•

Conrad Borg Manché Mayor Gzira — Why? Are you sure he was right after he got the biggest defeat in the Maltese history of

**Il-PN iġiegħel lill-partitarji jistħu li huma Nazzjonalisti**

2 comments • 3 days ago•

Edmond Micallef — The shameful act committed by the PN amounts to High Treason in countries such as the UK. Lest

**Jgħidu li Manoel Island aċċessibbli bil-baħar**

8 comments • 6 days ago•

eagle eye — 16BN IL SENA NIHDU PACENZJA ISA BIZZEJJET

**Karozzi tal-linja aktar frekwenti f'diversi postijiet minn nhar il-Ħadd**

1 comment • 4 days ago•

James Busuttil — Ħabib tiegħi minn Ħaż-Żabbar qalli li l-venda kienet tneħħiet minn Ħaż-Żabbar minħabba l-għira tal-Gvern

Subscribe Add Disqus to your site Add Disqus Add Privacy

©2016 All Rights Reserved. One News